Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 27 ta' Novembru 2020**
**(OR. en)**

**13455/20**
**ADD 1**

**ENV 753**
**ENT 139**
**COMPET 603**
**IND 229**
**SAN 432**
**CONSOM 203**
**MI 531**
**CHIMIE 59**
**DELACT 155**

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 27 ta' Novembru 2020 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | C(2020) 7980 final - Annex |
| Suġġett: | ANNESS tar- REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument C(2020) 7980 final - Annex.

---

Mehmuż: C(2020) 7980 final - Annex

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 27.11.2020
C(2020) 7980 final

ANNEX

**ANNESS**

**tar-**

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**li jemenda l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward l-aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA**

## ANNESS

Fit-tabella tal-Parti A tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1021, ir-raba' kolonna ("Eżenzjoni speċifika fuq użu intermedju jew speċifikazzjoni oħra") tal-entrata għall-aċidu perfluworoottanojku (PFOA), l-imlieħ tiegħu u l-komposti relatati mal-PFOA hija emendata kif ġej:

(1) l-ewwel sentenza tal-punt 3 hija sostitwita b'dan li ġej:

"3. Għall-finijiet ta' din l-entrata, il-punt (b) tal-Artikolu 4(1) għandu japplika għall-konċentrazzjonijiet tal-komposti relatati mal-PFOA li jkunu ugwali għal 20 mg/kg (0,002 % tal-piż) jew inqas meta dawn ikunu preżenti f'sustanza li tkun se tintuża bħala sustanza intermedja iżolata trasportata fit-tifsira tal-punt 15(c) tal-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u meta jissodisfaw il-kundizzjonijiet ikkontrollati strettament stabbiliti fl-Artikolu 18(4)(a) sa (f) ta' dak ir-Regolament, għall-produzzjoni ta' sustanzi fluworokimiċi b'katina tal-karbonju perfluworurata ta' 6 atomi jew iqsar.";

(2) l-ewwel sentenza tal-punt 4 hija sostitwita b'dan li ġej:

"4. Għall-finijiet ta' din l-entrata, il-punt (b) tal-Artikolu 4(1) għandu japplika għall-konċentrazzjonijiet tal-PFOA u għall-imlieħ tiegħu ekwivalenti għal 1 mg/kg (0,0001 % tal-piż) jew inqas, meta dawn ikunu preżenti fil-mikrotrabijiet tal-politetrafluworoetilen (PTFE) li jiġu prodotti b'irradjazzjoni jonizzanti, jew mid-degradazzjoni termali kif ukoll fit-taħlitiet u fl-oġġetti li fihom il-mikrotrabijiet tal-PTFE għall-użi industrijali u professjonali.";

(3) jiżdied il-punt (10) li ġej:

"10. Għall-finijiet ta' din l-entrata, il-punt (b) tal-Artikolu 4(1) għandu japplika għall-konċentrazzjonijiet tal-PFOA u l-imlieħ tiegħu u/jew komposti relatati mal-PFOA ta' 2 mg/kg jew inqas (0,0002 % skont il-piż) meta jkunu preżenti f'apparati mediċi għajr apparati invażivi u apparati impjantabbli. Din l-eżenzjoni għandha tiġi rieżaminata u vvalutata mill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn [ĠU: daħħal id-data: sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament emendatorju]".